MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 1211/2000/1

**Graziella DeCesare f'isimha proprju u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Awwissu 2000, giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Jacob**

**v.**

**John Bonnici**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attrici fit-13 ta' Gunju 2000, li jaqra hekk:

“Billi fil-perjodu ta’ bejn Settembru u Novembru tal-1992, il-kontendenti kellhom relazzjoni, minn liema relazzjoni;

“Billi fid-19 ta’ Settembru 1993, l-attrici welldet lil binha Jacob, illum Bonnici;

“Billi bis-sahha ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Hugh Grima datat id-19 ta’ Settembru 1996, il-konvenut irrikonoxxa lill-imsemmi minuri Jacob bhala ibnu.

“Billi skont l-imsemmi kuntratt, il-konvenut iddikjara illi huwa l-missier naturali tat-tifel minuri u konsegwentement talab illi ssir kwalunkwe annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-istess minuri skont il-ligi;

“Billi nonostante r-rikonoxximent tat-tifel minuri, il-konvenut qatt ma’ hallas manteniment ghall-bzonnijiet tal-istess minuri.

“Ghaldaqstant, jghid il-konvenut l’ ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tiddikjara illi bis-sahha ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Hugh Grima datat 19 ta’ Settembru 1996, il-konvenut huwa obbligat jmantni ossija jikkontribwixxi lejn il-manteniment tal-istess minuri;

“2. Tillikwida l-manteniment hekk pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici ghall-htigijiet tal-imsemmi tifel liema retta tkun revedibbli minn zmien ghal zmien skont kif jigi stabbilit minn din il-Qorti fis-sentenza taghha;

“3. Tillikwida l-arretrati ta’ manteniment mid-data tat-twelid tal-imsemmi minuri sad-data tal-effettiva kundanna ta’ hlas ta’ manteniment, mahduma bir-rata illi tigi appozitament stabbilita minn din il-Qorti, pagabbli mill-istess konvenut lill-attrici sabiex jirrimborsa lill-istess attrici ghall-ammonti mahruga ossija sborzati mill-attrici u applikati fil-manteniment tal-imsemmi tifel minuri, jew porzjoni appozitament stabbilita tal-istess;

"4. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici r-retta alimentarja hekk likwidata minn din il-Qorti, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f'dan ir-rigward mill-istess Qorti;

"5. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn din il-Qorti bhala arretrati ta' manteniment, taht dawk il-modalitajiet illi jigu stabbiliti f'dan ir-rigward mill-istess Qorti.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-imsemmi kuntratt sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-istess attrici qieghda tipprova timpunja il-kuntratt li abbazi tieghu hija qed tipproponi il-kawza odjerna u dan permezz ta' kawza pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta li ggib ic-citazzjoni numru 2846/96GCD. Illi *selecta una via non datur recursus ad alteram*. Illi ghaldaqstant abbazi tal-istess, it-tielet u l-hames talbiet attrici huma wkoll ghal kollox insostenibbli.

"Illi ghalhekk il-Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-imsemmija kawza fejn jigi deciz definittivament jekk l-att ta' rikonoxximent huwiex wiehed validu *o meno*."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fl-24 ta' Frar 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"[1] tilqa' l-ewwel talba;

"[2] tilqa' t-tieni talba, u tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici fl-ammont ta' €140 [ekwivalenti ghal LM60] fix-xahar pagabbli bil-quddiem fir-rezidenza ta' l-attrici, liema ammont ghandu jizdied kull sena skont l-gholi tal-hajja;

"[3] tilqa' it-tielet talba, u tillikwida l-manteniment arretrat pagabbli mill-konvenut lill-attrici mid-data tat-twelid tal-minuri sas-16 ta' Frar 2010 fl-ammont ta' €23,515 [ekwivalenti ghal LM10,095].[1];nieqes l-pagamenti gja` maghmula minnu mit-13 ta' Gunju 2000;

"[4] tilqa' ir-raba' talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija retta' alimentarja ta' €140 [ekwivalenti ghal LM60] fix-xahar kif fuq deciz;

"[5] tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' €23,515 [ekwivalenti ghal LM10,095], nieqes l-pagamenti kollha maghmula mill-konvenut lill-attrici mit-13 ta' Gunju 2000.

"L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**L-Azzjoni**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeghdha titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenut, bhala missier it-tarbija, ghandu l-obbligu li jmantniha jew li jikkontirbwixxi ghal manteniment taghha; kif ukoll sabiex din il-Qorti tillikwida retta alimentarja pagabbli lill-attrici ghal dan il-ghan, kif ukoll sabiex il-konvenut jigi kkundannat jhallas din ir-retta alimentarja, flimkien mal-manteniment arretrat li jigi fissat minn din il-Qorti.

"Min-naha tieghu l-konvenut ma ressaqx eccezzjoni fis-sustanza, izda talab is-soprassessjoni ta' dawn il-proceduri sakemm tinqata' l-kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, istitwita mill-attrici kontra l-konvenut, diretta biex timpunja l-kuntratt ta' rikonoxximent ppubblikat fis-19 ta' Settembru 1996.

[1] Rapprezentanti [a] €9,783 [ekwivalenti ghal LM4,200] il-kontribut tal-konvenut mid-data tat-twelid sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni; [b] €3,669 [ ekwivalenti ghal LM1,575] manteniment ta' LM35 fix-xahar mit-13.06.2000 sal-15.03.2004; [c] €4892 [ekwivalenti ghal LM2,100] manteniment ta' LM60 fix-xahar mill-15.03.2004 sas-16.01.2007; u [d] €5,171 [ekwivalenti ghal LM2,220] manteniment ta' LM60 fix-xahar mis-17.01.2007 sas-16.02.2010.

**“Il-Fatti**

“Illi mill-provi jirrizulta li fid-19 ta’ Settembru 1993 twieled mill-attrici t-tifel Jacob minn relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, u li fuq l-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala wild ta’ missier mhux maghruf.

“Tlett snin wara, permezz ta’ att pubblikat minn Nutar Dottor Hugh Grima fid-19 ta’ Settembru 1996, il-konvenut irrikonoxxa lill-imsemmi tifel bhala wild tieghu naturali.

“Illi fl-1 ta’ Ottubru 1996, l-attrici stitwiet proceduri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut, li permezz taghhom talbet dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-imsemmi kuntratt ta’ rikonoxximent kien null, u l-korrezzjonijiet konsegwenzjali fl-att tat-twelid.

“Illi wara li testijiet genitici [DNA], li saru fil-mori fid-9 ta’ Awwissu 2000, ikkonfermaw lill-konvenut bhala l-missier naturali, l-attrici cediet l-imsemmija kawza.

“Illi stabbilit li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri Jacob, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel biex tezamina t-talbiet attrici, fid-dawl tal-provi akkwiziti.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi in vista ta’ dak sottomess mill-konvenut fin-nota tieghu, zewg osservazzjonijiet ta’ natura legali huma opportuni:

“[1] Illi gjaladarba jirrizulta stabbilit, bir-rikonoxximent tal-minuri u wkoll bil-konferma bit-testijiet genitici, li dan huwa l-wild naturali tal-konvenut, allura jiskatta l-obbligu da parti tal-konvenut, qua genitur, li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ ibnu sakemm dan jsir maggjorenni;

“[2] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess b’mod konciz ghall-ahhar mill-konvenut, dan l-obbligu tal-konvenut jirrizali ghad-data tat-twelid tat-tifel, ghax la darba “dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi

accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament illi [il-konvenut] ikun missier bl-obbligu inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."[2] Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikdjarat il-paternita`, ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gja ezistenti.

"[3] Il-fatt li, f'kawza fejn l-attrici titlob il-manteniment, din totjeni manteniment provvizorju pendente lite, ma jostakolax li l-Qorti, fis-sentenza, u allura wara li tkun fil-pozizzjoni li tezamina l-provi kollha akkwiziti, tawmenta r-rata almentarja mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, jekk il-Qorti thoss li l-introju tal-konvenut kien jimmerita retta alimentarja akbar. Wara kollox it-talba tkun saret fid-data tal-prezentata ta' l-att promotorju.

"Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehema li dak li konkluda l-perit legali dwar il-kambjament fir-rata minn LM35 fix-xahar ghal LM60 fix-xahar, dekorribbli dan l-awment mill-15 ta' Marzu 2004, huwa permissibbli skond il-ligi, salv naturalment li jitnaqqsu dawk l-ammonti li jkunu diga` thallasu mill-konvenut.

"Ferm il-premess, il-Qorti tiddikjara l-qbil taghha mal-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, kontenuti fil-paragrafi minn 52 sa 63 fil-pagni numri 29 sa 40, u din il-Qorti qeghdha taddottahom fl-intier taghhom, u qed jigu annessi b'mod li jifformaw parti mill-gudizzju odjern [Appendici A][3]

"Jigi osservat ulterjorment li l-manteniment gie komputat mill-perit legali sas-16 ta' Jannar 2007 fl-ammont ta' LM2,100; u ghalhekk, ma' dan l-ammont ghandu jizdied ammont ulterjuri ta' €5,171 [ekwivalenti ghal LM2,220] rapprezentati manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici bir-rata ta' €140 [ ekwivalenti ghal LM60] fix-xahar, mill-perijodu mis-17 ta' Jannar 2007 sas-16 ta' Frar 2010.

[2] *App. Grech vs Magri* deciz 20.12.1946, citata b' approvazzjoni fil-kawza *App. Romina Xerri vs Elvin Magri deciz 27.02.2009*
[3] Vol.2 – fols.327 sa 338

Minn din dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu l-ammonti kollha mhallsa mill-konvenut mill-15 ta’ Marzu 2004.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut illi in forza tieghu, ghar-ragunijiet premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“……filwaqt illi tikkonferma inkwantu laqghet l-ewwel talba attrici u konsegwentement iddikjarat illi l-konvenut huwa obbligat imantni ossija jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta’ ibnu minuri Jacob Bonnici;

“1. thassaraha u tirrevokaha inkwantu laqghet it-tieni talba tal-attrici appellata u illikwidat il-manteniment pagabbli mill-esponenti lill-attrici appellata fl-ammont ta’ mija u erbghin Euro (€140) fix-xahar liema ammont ghandu jizdied kull sena skont l-gholi tal-hajja u minflok, tilqa’ t-tieni talba attrici u tillikwida retta alimentari anqas minn dik likwidata mill-ewwel Onorabbli Qorti, liema retta alimentari tiehu in kunsiderazzjoni il-mezzi tal-esponenti inkluzi l-introjtu u l-ispejjez tieghu kif imfisser f'dan ir-rikors; u

“2. thassaraha u tirrevokaha inkwantu laqghet it-tielet talba tal-attrici appellata u illikwidat il-manteniment arretrat pagabbli mill-konvenut lill-attrici appellata mid-data tat-twelid tal-minuri fl-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf, hames mija u hmistax-il Euro (€23,515) u minflok, tichad din it-talba attrici ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, u f’kaz illi tiddeciedi billi tilqa’ tali talba, tillikwida l-ammont pagabbli *ai termini* tal-istess talba f’ammont anqas minn dak likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti mehud in konsiderazzjoni l-mezzi tal-esponenti, in-nuqqas tal-attrici appellata illi tikkonsulta mal-esponenti qabel ma tiehu d-decizjonijiet dwar il-minuri, il-preskrizzjoni applikabbli kuf ukoll il-fatturi kollha msemmija aktar ’il fuq f'dan ir-rikors. F'dan l-ahhar kaz ghandhom ukoll jitnaqqsu l-ammonti mhalsa s’issa mill-esponenti lill-attrici appellata; u

“3. tipprovdi dwar ir-raba’ u l-hames talba tal-attrici appellata konformement ma’ dak deciz *ai termini* tat-talbiet precedenti;

“Bl-ispejjez.”

Rat ir-risposta tal-attrici li inforza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi l-appell tal-konvenut appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu, u s-sentenza appellata kkonfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza, l-attrici, omm il-minuri Jacob li twieled fid-19 ta’ Settembru 1993, minn relazzjoni temporanja li kellha mal-konvenut, qed titlob li l-konvenut ihallas manteniment ghat-trobbija tal-minuri, u dan b'arretrati mill-mument ta’ twelid tal-istess tifel. Dan it-tifel gie registrat minn ommu bhala iben missier mhux maghruf, izda l-konvenut gharaf lill-Jacob bhala ibnu b’kuntratt datat 19 ta’ Settembru 1996. L-attrici talbet li jsiru testijiet genetici li kkonfermaw lill-konvenut bhala missier il-minuri.

L-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut jibda jhallas bhala manteniment ghall-ibnu s-somma ta’ €140 fix-xahar, u ordnatlu wkoll ihallas arretrati ta’ manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri sas-16 ta’ Frar 2010, (data vicin l-ghoti tas-sentenza) fl-ammont ta’ €23,515, nieqes il-pagamenti li gia` saru mill-konvenut.

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u l-aggravji tieghu jikkonsistu f’dan li gej:

(i) li l-ammont ta’ manteniment hu eccessiv mehud kont l-introjtu tieghu;

(ii) li, bhala principju, arretrati ta’ manteniment huma inkoncepibbli fil-ligi;

(iii) li, f’kull kaz, is-somma li gie ordnat ihallas bhala arretrati hija wahda eccessiva;

(iv) it-talba ghall-arretrati hija, f'kull kaz, preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili.

Dan l-ahhar aggravju ma kienx gie mressaq ghal konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti, pero`, tressaq biss bhala aggravju ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Dan seta' jsir kif sar u lanqas hu mehtieg il-permess tal-Qorti biex tali eccezzjoni tigi sollevata.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li t-tifel Jacob illum ghandu 18-il sena u peress li m'ghadux minuri, mhux lok li jigi ordnat il-hlas ta' manteniment lill-attrici ghall-bzonnijiet tat-tifel. Jibqa' l-fatt li din il-Qorti trid tezamina l-kwistjoni minhabba l-ispejjez relattivi marbuta ma' din it-talba.

Il-konvenut jargumenta li hu kien gie ordnat ihallas biss is-somma ta' Lm35 fix-xahar bhala manteniment *pendente lite* u ma jarax ghaliex l-istess Qorti kellha, fis-sentenza finali taghha, tordna hlas ta' €140 fix-xahar (ekwivalenti ghal Lm60). Tajjeb li jigi senjalat mill-ewwel dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **Mamo v. Mamo**, deciza fit-2 ta' Dicembru 2005, fil-kuntest ta' ilment simili. Din il-Qorti ghamlet l-osservazzjoni segwenti:

*"Issa kif sewwa gie rilevat mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellata qatt ma qajmet xi kwistjoni dwar l-insufficjenza tal-manteniment li kien gie akkordat lilha pendente lite u li kien qed jithallas mill-attur, a tenur tad-digriet tas-Sekond'awla tal-Qorti Civili. Pero`, din ic-cirkostanza hija fil-verita` irrilevanti ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-manteniment definittiv (cioe`, mhux pendente lite) li ghandu jithallas."*

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, abbraccjat il-konkluzzjonijiet milhuqa mill-perit legali nominat minnha biex jassistiha fil-gbir tal-provi. Il-perit legali apparti li kkunsidra d-dhul tal-konvenut, ikkonsidra wkoll li l-konvenut, li minn zwieg precedenti kellu zewgt itfal, fil-kuntratt ta' separazzjoni li iffirma ma' martu, hu obbligat biss li jmantni lill-uliedu meta dawn ikunu mieghu.

Din il-Qorti tara' li, ghalkemm din l-ahhar konsiderazzjoni hija valida, ma kellhiex tkun il-wahda determinanti, ghax il-fatt li missier ghandu zewgt itfal ohra, m'ghandhux ifisser li t-tielet wiehed ghandu jbaghti billi jinghata manteniment baxx jew anqas mill-ohrajn. Il-konvenut gab tlett itfal fid-dinja u ghandu obbligu li jzommhom kollha bl-ahjar mod li jista', jekk ikun hemm bzonn, anke billi joqghod hu nieqes minn certi affarijiet mhux necessarji ghal-ghajxien tieghu. Min igib persuna vulnerabbli fid-dinja irid, fl-ewwel lok, jaghti qies ghat-trobbija tajba ta' dik il-persuna u, jekk hemm bzonn ghandu jcahhad lilu nnifsu minn kapricci u affarijiet ohra mhux mehtiega ghal-hajja tieghu.

F'dan il-kaz, il-konvenut jghid li ghandu dhul net ta' €652.56 fix-xahar mill-impieg tieghu, u, ghalhekk, manteniment ta' €140 fix-xahar ghall-wiehed minn uliedu ma jistax zgur jitqies esagerat. Meta tqis li hu obbligu tieghu skont il-ligi, li jikkontribwixxi ghall-ikel, ilbies, sahha, edukazzjoni u abitazzjoni tal-minuri, din il-Qorti ma tarax li ghandha taghti anqas. Veru li l-attrici ghandha dhul aktar minnu, pero`, hi wkoll se jkollha terfa' l-piz, u meqjusa l-bzonnijiet tat-tfal tal-lum, hu car li l-piz tal-attrici sejjer ikun akbar. L-obbligu ta' missier li jmantni lill-uliedu hu wiehed assolut, u hu ghandu obbligu li jfittex u jzomm impieg regolari sabiex ikun jista' jmantni lill-uliedu minuri. Il-konvenut ghandu wkoll dhul varjat minn *directorship* ta' kumpanija, u ghalhekk, din il-Qorti tara' li meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ir-rata ta' manteniment kif iffissat mill-ewwel Qorti kien gust u johloq bilanc tajjeb bejn il-bzonn tal-minuri u l-mezzi tal-konvenut.

L-ewwel aggravju tal-konvenut qieghed jigi michud.

Trattat it-tieni aggravju, din il-Qorti ma taqbilx li, fil-principju, arretrati ta' manteniment lill-minuri ma humiex permissibbli. Il-posizzjoni ta' minuri hija differenti minn dik ta' bejn il-mizzewgin, ghax dawn tal-ahhar huma ftit jew wisq, liberi li jirregolaw il-posizzjoni reciproka taghhom kif huma jixtiequ, izda fejn jidhlu minuri, kull decizjoni li jiehdu l-genituri hija dejjem soggetta ghal skrutinju mill-qrati fl-ahjar interess tal-minuri. Il-missier u l-omm ghandhom dejjem obbligu li jmantnu lill-uliedhom minuri, u bhala

debituri ta’ tali obbligazzjoni, jridu jwettqu l-istess anke jekk ma jigux mitluba jaghmlu dan. Anke jekk omm ma tridx flus minghand il-missier, il-Qorti tista’ xorta wahda tordna lill-missier jaghti sehemu, jekk hekk ikun jaqbel lill-minuri. Dan hu obbligu mixhut fuq iz-zewg genituri, u jekk wahda minnhom tkun hi li, waheda u ghal xi zmien, mantniet lill-ulied, il-genitur l-iehor hu fl-obbligu li jaghmel rifuzjoni tal-ispejjez inkorsi mill-ewwel genitur.

Fil-kawza **Gauci v. Gauci**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta’ Jannar 1965, din il-Qorti rriteniet li l-hlas ta’ alimenti arrettrati jista’ jintalab, u b'hekk tbieghdet minn dik il-gurisprudenza li semma l-appellant fir-rikors tieghu, li kienet tirritjeni li l-alimenti arrettrati dovuti *officio judicis* ma jistghux jigu mitluba hlief fil-kaz li l-kreditur tal-alimenti jipprova li ghamel dejn biex imantni ruhu jew juri motiv gust ghaliex ma ezigihomx fiz-zmien illi messu. Din tidher il-posizzjoni l-aktar sana u, partikolarment fejn tidhol l-materja ta’ manteniment ghat-tfal, huwa l-principju li ghandu jigi segwit.

Ghar-rigward tat-tielet aggravju, dak marbut mal-ammont ta’ arretrati, din il-Qorti tara li kemm il-perit legali kif ukoll l-ewwel Qorti uzaw id-diskrezzjoni sew meta qiesu l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghat-trobbija tat-tifel ghas-seba’ snin minn meta twieled il-minuri sakem saret din il-kawza. Il-perit legali li, *arbitrio boni viri*, iddetermina din il-kontribuzjoni fis-somma ta’ Lm4,200 (illum €9,783), ikkunsidra dak li qal il-konvenut dwar il-gugarelli gholjin li kienet tixtri ghat-tifel, u dwar il-fatt li l-omm involviet ruhha fi spejjez sostanzjali konnessi mal-edukazzjoni tal-minuri, u dan minghajr ma nvolviet lill-konvenut fl-ghazla tal-iskola u fil-htiega ta’ dawn l-ispejjez u kwindi l-ilment tal-konvenut marbut mal-fatt li dawn ic-cirkostanzi ma gewx ikkunsidrati m’ghandux mis-sewwa. Din il-Qorti tirrileva li din is-somma tkopri kontribuzzjoni ghal seba’ snin shah, u ma tarax li, anke meqjus d-dhul relattivament baxx tieghu (imqabbel ma’ dak tal-attrici), din il-kontribuzzjoni hija wahda kbira. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Camenzuli v. Camenzuli**, deciza mill-Prim’awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ April 1994, konfermata minn din il-Qorti fis-26 ta’ Gunju 1997, trattasi wkoll ta’ insorgenza ta’ kwistjoni konsimili

anke jekk b'fattispeci differenti, dik il-Qorti kellha dan xi tghid:

*"Il-konvenut jista' jkollu ragun dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni. Hu ovvju li hu fl-interess kemm tal-kontendenti kif ukoll u aktar ta' binhom minuri li jikkoltivaw, jekk possibbli, metodu ta' konsultazzjoni u djalogu fuq materja, jew materji, li jolqtu lill-minuri bil-ghan li jonqsu d-dizgwid u d-differenzi bejniethom. Dan hu awspikabbli. Mill-banda l-ohra, pero`, dak li hu ragjonevoli u generalment accettat bhala spiza utli u necessarja inkorsa fl-edukazzjoni tal-ulied ghandu, skont il-kuntratt ta' separazzjoni personali, jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut."*

Din il-Qorti pjenament tikkondividi dan il-hsieb fis-silta appena riprodotta, u ma tarax ghaliex dan m'ghandux japplika ugwalment ghall-fattispeci ta' dan il-kaz.

Il-bqija tas-somma tirrifletti l-hlas ta' manteniment jew alimenti li kienu dovuti tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Il-konvenut jargumenta li m'ghandux ihallas arretrati ghall-perjodu meta l-ewwel Qorti kienet cahdet talba ghall-alimenti *pendente lite*. L-attrici kienet, fil-bidu tal-proceduri, talbet alimenti *pendente lite*, pero`, it-talba giet michuda, u kien biss b'digriet moghti fil-15 ta' Ottubru 2003, li l-konvenut gie ordnat hlas ta' manteniment *pendente lite*. Gia` intwera, pero`, li l-alimenti *pendente lite* m'ghandhomx x'jaqsmu mad-determinazzjoni tal-manteniment definittiv. Teknikament, l-alimenti provizorji huma kontemplati "ghall-hwejjeg l-aktar mehtiega ghall-hajja" (ara digriet moghti fl-24 ta' Marzu 1983 minn din il-Qorti fil-kawza **Garroni v. Garroni**), u jekk kien hemm zmien meta l-Qorti qieset li l-hlas ta' din ix-xorta ma kienx mehtieg, ma jfissirx li l-istess Qorti ma tistax, in ultima analizi, tordna lill-missier ihallas sehemu ghall-ispiza inkorsa mill-omm. Il-fatt li l-omm kellha bizzejjed dhul taghha biex setghet waheda tipprovdi ghall-ghejxien ta' binha, ma jfissirx li l-missier hu mehlus milli jerfa' l-parti tieghu. La darba hu responsabbli li jmantni lill-ibnu, irid jaghmel hekk mid-data tat-twelid tat-tifel, kif qalet l-ewwel Qorti anke fid-dawl tal-gurisprudenza minnha indikata.

Fl-ahhar lok, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' hames snin *ai termini* tal-Artikolu 2156(b) tal-Kodici Civili, li jolqot l-azzjonijiet "ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment". Din il-Qorti tara' li, hawnhekk, il-konvenut ghandu ragun. Kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, *"kemm ir-rikonoxximent kif ukoll is-sentenza li ddikjarat il-paternita`, ghandhom biss effett dikjaratorju ta' dritt inerenti gia` ezistenti"*, u kwindi d-dritt ta' manteniment beda jezisti mat-twelid tat-tifel. Ma jirrizultax li l-omm kienet xi mara gerrejja li tmur ma' diversi rgiel fi zmien qasir, u hi kienet zgur taf ma' min kellha relazzjoni u min seta' kien il-missier. Jekk kellha xi dubbji kellha tagixxi fi zmien tempestiv u mhux tliet snin wara it-twelid tat-tarbija meta l-konvenut irrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu. Kwindi l-kontribuzzjoni tal-konvenut kif ordnat l-ewwel Qorti, ghas-snin 1993 sal-2000, f'ammont ta' €9,783, ghandha tonqos biex tkopri biss il-hames (5) snin mill-1995 sal-2000, u tinzel ghalhekk ghall-€6,988.

L-ammont totali ta' arretrati pagabbli mill-konvenut ghandu jinzel ghall-€20,720, fit-termini u bir-riserva li ghamlet l-ewwel Qorti, u dan wara li din il-Qorti qed tikkonferma l-kalkoli l-ohra li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqa' l-istess biss *in parte* u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi:

(i) tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel talba;

(ii) tirrevokaha fejn laqghet it-tieni u r-raba' talba u minflok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet stante li t-tifel issa hu maggorenni;

(iii) tirriforma it-tielet u l-hames decide, fis-sens li tikkonfermahom hlief li tordna li l-hlas ta' arretrati ikun ta' €20,720 (u mhux ta' €23,515 kif ordnat l-ewwel Qorti).

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu a karigu tal-konvenut kif ordnat l-ewwel Qorti, izda dawk marbuta ma' dan l-appell jithallsu kwart (¼) mill-attrici u tliet kwarti (¾) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------